



Ottobru 2014

Stima tal-ispejjeż tat-tisħiħ tal-Qorti Ġenerali

1. Iż-żieda ta' 12 fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti Ġenerali ser teħtiegħ krediti addizzjonali li l-ammont tagħhom jista' jiġi stmat bħala EUR 11.6 miljuni f'"sena ta' operat normali".

Dan l-ammont jinkludi r-remunerazzjonijiet u l-ispejjeż konnessi tat-12-il Imħallef, tal-persunal li jiffirma l-uffiċċju tagħhom (51 pożizzjoni meta jitqiesu l-pożizzjonijiet ta' 9 référendaires diġà miksuba fl-2014) u tal-persunal tar-Reġistru (17-il pożizzjoni) kif ukoll l-ispejjeż ta' funzjonament korrispondenti (f'termini ta' proprjetà immobbli, ta' proprjetà mobbli u ta' materjal tal-informatika). Fis-sena inizjali, id-diversi spejjeż marbuta mal-installazzjoni ser ikunu ta' madwar EUR 3.4 miljuni.

Meta mqabbla mad-dokument finanzjarju anness mal-proposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Marzu 2011, minn din l-istima jirriżulta tnaqqis tal-krediti neċessarji f'"sena ta' operat normali ta' ftit iktar minn EUR 2 miljuni. Dan it-tnaqqis huwa dovut essenzjalment għall-krediti diġà miksuba fl-2014 għad-9 référendaires.

2. Iż-żieda ta' 7 Mħallfin fil-Qorti Ġenerali permezz tal-integrazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP) ser timplika hteġa ta' krediti addizzjonali ta' EUR 2.4 miljuni.

Din in-nefqa addizzjonali tirriżulta essenzjalment minn struttura ta' uffiċċju iktar elaborata fi ħdan il-Qorti Ġenerali milli hija fi ħdan it-TSP. Fir-rigward tal-persunal tar-Reġistru tat-TSP, l-integrazzjoni tiegħu fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali ma ser ikollha ebda impatt finanzjarju.

Meta t-TSP jiġi integrat fil-Qorti Ġenerali, ser ikun meħtiegħ li jiġu previsti spejjeż ta' installazzjoni ekwivalenti għal EUR 1.3 miljuni (din hija ċifra massima, fil-każ li ebda wieħed mill-Imħallfin fit-TSP ma jiġi nnominat bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali).

3. Fl-aħħar nett, l-ammont tal-krediti neċessarji meta n-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jiżdied b'9 jista' jiġi stmat bħala EUR 8.9 miljuni f'"sena ta' operat normali.

Dan l-ammont jinkludi r-remunerazzjonijiet u l-ispejjeż konnessi tad-9 Mħallfin u tal-persunal li jiffirma l-uffiċċju tagħhom (45 pożizzjoni) kif ukoll l-ispejjeż ta' funzjonament korrispondenti. In-nefqa addizzjonali matul l-ewwel sena ser tkun ta' madwar EUR 2.2 miljuni.

4. Fl-aħħar nett, meta mqabbel mal-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja u mal-baġit amministrattiv tal-istituzzjonijiet kollha, il-piż tan-nefqa tat-tisħiħ tal-Qorti Ġenerali ser ikun, f'sena ta' operat normali, kif ġej:

	Baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja		Baġit amministrattiv totali tal-istituzzjonijiet	
Ammont 2014	EUR 348.7 miljuni	100 %	EUR 6 783.2 miljuni	100 %
Żieda ta' 12-il Imħallef	EUR 11.6 miljuni	3.3 %	EUR 11.6 miljuni	0.17 %
Żieda ta' 7 Mħallfin (integrazzjoni TSP)	EUR 2.4 miljuni	0.7 %	EUR 2.4 miljuni	0.03 %
Żieda ta' 9 Mħallfin	EUR 8.9 miljuni	2.6 %	EUR 8.9 miljuni	0.13 %
Total (28 Imħallef)	EUR 22.9 miljuni	6.6 %	EUR 22.9 miljuni	0.34 %